L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 9 ta' Mejju, 2003

**Mixja fis-skiet**

Fil-jum ta' sikta tal-lum fejn Malta se tiddeciedi mill-gdid id-destin taghha nhoss gibda kbira lejn il-kampanja fejn jirrenja s-skiet, izda s-skiet li jpespislek f'widnejk xi tkun l-ahjar soluzzjoni ghad-destin stess taghna bhala pajjiz. Inhoss li l-gebel tax-xaghari, l-ghanja ta' l-ghasafar mohbija qalb il-weraq tal-harrub, iz-zanzin fix-xehdi fi xquq il-hitan tas-sejjieh, l-irtubija tal-hamrija hamra u z-zifna tal-ward selvagg li jixxejjer mar-rih kollha jridu jwasslu l-messagg taghhom lill-bniedem imhasseb dwar il-futur ta' din l-istess art.

Il-kampanja Maltija, fi zmien ir-rebbiegha, donnha trid tghidilna xi haga li nistghu nisimghuha biss fis-skiet.

Id-dwejjer ckejkna ta' Bingemma u ohrajn fost l-eghlieqi lejn in-nahat tar-Rabat ifakkruni f'Maltin jistahbew ghand il-Maltin fi zminijiet li hafna jiftakru ghax saru f'dan is-seklu. Hemmhekk kienu waqghu wkoll l-igsma ta' l-ghedewwa, u l-Maltin lissnu ghal darba, tnejn, ghaxar darbiet kuljum ir-ruzarju biex jghin lilhom u jghin l-erwieh ta' dawk l-ghedewwa li kienu jsibu b'demmhom imcarcar u gisimhom imqatta' wara li jaqa' xi ajruplan. Niftakru fis-sahha ta' driegh il-Maltin li jum wara l-iehor haffer gherien fondi fejn il-Maltin stkennew.

Fomm ir-Rih u Migra l-Ferha jfakkruna fi zminijiet iktar imbieghda fejn xwieni wasslu lill-Konti Ruggieru fuq xtutna – inhossni qisni dak it-tfajjel ckejken li lemah ghall-ewwel darba fuq ix-xefaq ix-xini tal-hakkiem il-gdid – hakkiem li kien jitkellem b'ilsien differenti minn tieghu, izda li kien jiddeciedi d-destin tieghu. Mit-torrijiet tal-Gnejna jew ta' Ghajn Tuffieha sthajjiltni ghal mument l-ghassies li jistenna b'biza' kbir jum wara l-iehor, minuta wara l-ohra li huwa wkoll jara jfigg fuq l-orizzont l-ghadu u, f'daghdigha ta' genn, ikebbes in-nar halli jaghmel sinjal lil hutu l-Maltin li l-ghedewwa gejjin.

L-gherejjex taz-zingu tal-Mellieha jfakkruna f'suldati hodor jghassu id-Dahar. Ic-citadella ta' Ghawdex tfakkarna wkoll f'suldati differenti, fi zminijiet differenti, fi hruxijiet differenti fejn niesna ghaddew granet maghluqin bejn il-hitan ta' belt li daqskemm kienet toffri kenn, offriet jasar. L-gherien ta' Kemmuna u l-bahar li fihom ihabbat mal-blat geghluni mill-gdid nisma' l-ghajta tal-furbani b'ilsien li miftiehem li jippjanaw il-hatfa tal-Maltin.

Il-mixja tieghi wasslitni wkoll il-Port il-Kbir. Is-swar kolossali li jsorgu 'l fuq minn kull naha donnhom ghadhom sal-lum lesti li jzommu 'l boghod minn artna kull hemm li jista' jolqotna. Nisma' jidwi u jdur gos-swar il-krib tal-Malti u tal-barrani mugugh ghax qieghed jissielet ghal pajjizu. Il-krib ta' min qatel lil bniedem iehor bhalu. U ta' dak li nqatel ghal pajjizu 'l boghod minn pajjizu.

Izda harsti dlonk iddur mas-smiegh ta' sparatura wahda. Wahda biss! Ruhi tfittex minn fejn giet l-isparatura u dlonk tintebah li dik nifdet il-qalb ta' Malti qalbieni. Mieghu nifdet ukoll il-qalb ta' hafna Maltin u jkolli biss hin indur halli nhares f'ghajnejn il-Franciz li mrieghed kien ghadu b'arma twila f'idu donnu jrid jghidli li la ried joqtol Malti u lanqas qassis, izda lil dak li kien qatel kien qatlu ghax proprju kien Malti u ma kellu l-ebda htija ohra!

Izda minn tir wiehed gewwa nofs il-Belt minn band'ohra nisma' hafna giri u ghajat minn Maltin bhali b'messagg wiehed. Is-sema f'daqqa wahda ddallam u staqsejt Malti iehor bhali x'kien qed jigri. Jolfoq qalli li, l-Inglizi kienu qatlu xi Maltin dak in-nhar, izda kienu ghadhom ma jafux kemm u min. Il-grajja messitli qalbi u dlonk sibtni ghand qassis iehor gewwa Haz-Zebbug. Ma riedx

ikellimni, izda fuq il-karta li kien qiegħed iħarbex dlonk indunajt li kien hemm l-isbaħ kliem li qatt ħareġ minn fommna l-Maltin wara li nkiteb bil-linka ta' l-imħabba. Imħarbex kien hemm "*Lil din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha*..."

Ma' l-arja ġiet stedina mis-swar ta' l-Imdina li wkoll kellhom tweġiba għalija. Ukoll riedu jgħiduli xi ħaġa. Smajt il-bikja ta' Maltin fil-ħabsijiet. Rajt nies bix-xwabel u bit-turbani. Raġel bid-daqna kien qiegħed jgħid lill-bidwi Malti li, għax kien Malti, kellu jħallas aktar. U dlonk daħlu fil-belt żwiemel kbar b'irġiel twal fuqhom lebsin iswed b'salib kbir abjad fuq sidirhom. Tajru l-kaxxa tal-flus tar-raġel bid-daqna, u qalulu li, flus u art il-Maltin, issa saru tagħhom. Rajt il-ħarsa miblugħa tal-Malti li kien għadu ma fehem xejn x'qiegħed jiġri. Rajt l-istess mantelli suwed jibnu l-Katidral ġebla ġebla bil-ħila tal-Maltin.

Moħħi baqa sejjer 'il quddiem u lura fiż-żmien sakemm fl-aħħar feġġejt fil-bajja tal-Għajn Tuffieħa. Ir-ramel artab serraħli riġlejja u l-mewġ ta' quddiemi dewa fis-skiet quddiem għajnejja. Ħassejt li xorta kelli mistrieħ minn din il-mixja fis-skiet.

*Għal kummenti jew suġġerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*